# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF
## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Frar, 2002.**

**Numru: 65**

**Citazzjoni Nru. 38/99GV**

Doc. 205-02

**Paul u Salvina konjugi Tabone**

**Vs**

**Joseph Mizzi**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenut huwa l-inkwilin ta' bicca art li tmiss mad-dar tal-atturi "Silvpaul House", Triq id-Dejma, Tarxien.

Premess illi l-konvenut qieghed izomm il-baqar f'din il-bicca art.

Premess illi kif jirrizulta mic-certifikat tal-arkitett u inginier civili Ronald Muscat Azzopardi, (li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok. A), fl-ghalqa tal-konvenut in kwistjoni hemm akkumulazzjoni ta' hmieg ta' l-annimali li hu ghola mill-livel tal-qatran tad-dar ta' l-esponenti.

Premess illi dan il-hmieg qieghed jikkaguna hsara u umdita fil-hajt tal-fond tal-esponenti.

Premess illi meta l-konvenut inehhi dan il-hmieg bil-gaffa kkawza u qieghed jikkwaza hsara fil-hajt tal-fond tal-esponenti.

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti:

1 tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli tal-hsara fil-fond tal-atturi.

2 tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghmel dawk ix-xogholijiet necessarji fil-proprjeta' tieghu u f'dak tal-atturi sabiex ma ssirx aktar hsara taht id-direzzjoni ta' perit arkitett nominat minn din l-Onorabbli Qorti.

3 f'kaz li x-xogholijiet ma jsirux mill-konvenut, tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xogholijiet li hemm bzonn taht id-direzzjoni ta' perit nominat mill-Qorti a spejjez tal-konvenut.

4 tillikwida l-hsara li saret mill-konvenut fil-proprjeta' tal-atturi.

5 tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Salv kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tat-30 ta' Novembru, 1998 kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process:

Rat in-nota ta' Eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Mizzi a fol. 19 tal-process fejn

eccepixxa:

1 Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut mhux qed jarreka dannu lill-proprjeta' tal-atturi, kif jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol. 21:

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Laferla a fol. 40:

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut a fol. 117:

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti:

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu lil dina l-Qorti:

1 tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli tal-hsara fil-fond ta' l-atturi.

2 tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghmel dawk ix-xogholijiet necessarji fil-proprjeta' tieghu u f'dak ta' l-atturi sabiex ma ssirx aktar hsara taht id-direzzjoni ta' perit arkitett nominat minn din l-Onorabbili Qorti.

3 f'kaz li x-xogholijiet ma jsirux mill-konvenut tawtorizza lill-atturi li jaghmlu x-xogholijiet li hemm bzonn taht id-direzzjoni ta' perit nominat mill-Qorti a spejjez tal-konvenut.

4 tillikwida l-hsara li saret mill-konvenut fil-proprjeta' ta' l-atturi.

5 tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati stante li l-konvenut mhux qed jarreka dannu lill-proprjeta' ta' l-atturi (fol. 19).

Il-konvenut eccepixxa ulterjorment (fol. 117) li t-talba ta' l-atturi ghall likwidazzjoni u hlas ta' danni hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap. 16.

**RELAZZJONI PERIT**

Il-Qorti kienet innominat lil Perit Renato Laferla biex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-atturi wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Il-Perit ipprezenta r-relazzjoni tieghu (a fol. 40) fejn hu basikament kkonkluda li:

1 Il-konvenut ghandu jigi dikjarat responsabbli ghal parti mill-hsara li grat fid-dar ta' l-atturi.

2 Il-konvenut ghandu jigi kkundannat jaghmel dak ix-xoghol bil-kritel, interament a spejjez tieghu, kemm in kwantu ghal dak li hu xiri ta' tankijiet, it-trasport taghhom u l-ipposizzjonar, kif ukoll in kwantu ghall mili taghhom bit-terrapin, (inkluz il-provista ta' izjed minn dan fil-kaz li ma jkunx hemm bizzejjed fuq

il-post). Il-konvenut m'ghandux jigi kkundannat li jaghmel xoghol ta' trangar fid-dar peress li dan diga sar mill-atturi.

3 Il-konvenut ghandu jhallas lill-atturi in linja ta' danni likwidati s-somma ta' Lm250.

**FATTI**

Skond l-atturi huma ghamlu dina l-kawza kontra l-konvenut li ghandu bicca art hdejn ir-residenza taghhom u li fiha qed izomm il-baqar. F'dina l-ghalqa ghandu akkumulazzjoni ta' hmieg ta' annimali li hu ghola mill-livell tal-qatran tal-post ta' l-atturi, u qed jikkaguna umdita' u hsara fil-hajt taghhom. Meta l-konvenut inehhi dan il-hmieg bil-gaffa hu qieghed jikkawza hsara u perikolu fil-hajt tal-post ta' l-atturi. Il-konvenut ikkontesta dawn il-fatti.

L-atturi pprezentaw rapport mahrug mill-Perit Ronald Muscat Azzopardi fis-6 ta' Ottubru, 1998 fejn iccertifika li kien hemm mal-post ta' l-atturi dina l-akkumulazzjoni ta' hmieg tal-annimali li qed tikkaguna hsara u umdita' fil-hajt imsemmi. Hu qal ukoll li meta perjodikament jitnehha dan il-materjal bil-gaffa hemm perikolu u gieli saret hsara fil-hajt. Anke meta l-annimali jghafsu mal-hajt gieli ikkagunaw caqliq fil-gebel. Il-Perit kien mar darba fuq il-post f'Marzu, 1996.

**Relazzjoni tal-Perit tal-Qorti.**

Mill-kostazzjonijiet li ghamel fuq il-post il-perit imqabbad minn dina l-Qorti jirrizulta li kien hemm akkumulazzjoni ta' demel, u li t-tnehhija tieghu bil-gaffa, ikkawzat il-hsarat lamentati mill-atturi fid-dar taghhom u li l-konvenut hu responsabbili ghalihom (fol. 54).

Il-Perit issuggerixxa li ssir linja tankijiet ghat tul kollu tal-hajt mimlijin bit-terrapin u

diskostati mill-hajt (ara fol. 56 l-ewwel par.) biex jipprotegu l-hajt mill-annimali u mill-hmieg u bi spazju biex l-attur ikun jista' jaghmel manutenzjoni tal-hajt.

Kwantu ghad-danni, il-perit, *arbitrio boni biri*, ghamel stima tal-hsarat fil-hajt fl-ammont ta' Lm450, tenut kont tat-tip ta' xoghol li sar, skond kif rah gja rrangjat. Minn dina s-somma l-perit naqqas l-ammont ta' Lm200 minhabba l-mod kif inhu mibni l-hajt ghax dan kellu bzonn manutenzjoni fi kwalunkwe kaz.

**Sottomissjonijiet tal-konvenut**

Il-konvenut issottometta li t-tieni u tielet talbiet huma ezawriti billi llum hu jinsab zgumbrat mill-fond in kwistjoni (ara Dok. AE1 u AE2 a fol. 97) u li inoltre l-attur ghamel ix-xogholijiet ta' tiswija minn naha tieghu (ara rapport tal-perit).

Kwantu ghat-talbiet l-ohra ghal hsarat, il-konvenut issottometta li dawn huma preskritti a terminu ta' l-artikolu 2153 (sentejn ghal kolpa akwiljana). Sussidjarjament dawn id-danni ma gewx pruvati.

**Tikkunsidra**

**Preskrizzjoni**

L-atturi qed jissottomettu fin-nota' ta' sottomissjonijiet taghhom li l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni m'hijiex akkompanjata minn dikjarazzjoni skond il-ligi u ghalhekk ghandha tigi dikjarata nulla skond il-ligi (Art. 158(4) Kap. 12.)

Mid-diversi subartikoli ta' l-artikolu 158, ir-rekwiziti kollha ta' forma u termini stabiliti ghall-prezentazzjoni tan-nota ta' eccezzjonijiet jirreferi ghan-nota ta' l-eccezzjonijiet originali. Ghal dik ulterjuri japplika biss is-subartikolu 11 li jistabilixxi li r-rinunzja jew iz-zieda trid tkun b'nota u l-istadju li fih tkun ghad tista'

tigi pprezentata nota bhal din, pero’ ma jipprovvdi ghal xejn aktar (ara sentenza J. Santucci et vs C. Santucci 7/8/86 Vol. LXX p.2 p.190).

Dwar dina l-eccezzjoni l-Qorti tirrileva li anke meta l-perit nominat minn dina l-Qorti mar fuq il-post fil-1999 waqt l-access hu setgha jikkostata li kien ghad hemm indikazzjonijiet (grif) fuq il-post tal-hsara li kienu qed ibatu minnha l-atturi u li kien ikkostata originarjarment il-Perit Muscat Azzopardi.

Skond ix-xhud Andrew Borg (li xehed fl-14 ta’ Gunju, 1999 a fol. 85) it-tindif bil-gaffa kien isir qiesu kull hmistax u l-ahhar li sar kien xi xahar u nofs qabel xehed.

Inoltre jirrizulta mill-provi li xi zmien qabel il-kawza kien intlahaq ftehim bejn l-atturi u l-konvenut li dana jaghmel xi xoghol rimedjali (qieghed tankijiet) u dan kien anke xtrahom izda l-konvenut spicca biex ma ghamel xejn. Ghalhekk il-konvenut ma kienx qed jinnega li kienet qed issir hsara tant li sahansitra anke offra li jirrimedja.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-azzjoni attrici m’hiex preskritta.

**Hsara**

Kwantu ghall-valur tal-hsara kagjonata l-konvenut qed jissottometti li l-perit ikkalkola fuq riparazzjoni ta’ hsara li ma rahx; u li ma kienx hemm dika l-hsara kollha li l-attur qal li sewwa.

Meta l-Perit gie eskuz hu qal li kien mar fuq il-post u l-hsara minn naha ta’ l-atturi kienet diga msewwija. L-atturi kienu kahhlu u bajdu l-hajt u ghamluh bil-gibs fil-groundfloor kollu. Hu tah l-ammont ta’ Lm450 biex kahhal il-hajt, dar il-fili kollha, reggha zebghu biz-zebgha tar-ramel u ksieh bil-gibs. Il-perit ma kienx ikkostata

umdita' ghax dina kienet diga msewwija. Il-hsara giet kagjonata ghax il-hajt intlaqat minn naha l-ohra b'xi gaffa li tnaddaf id-demel. Hu ma kienx emmen lill-konvenut li kien inaddaf il-hmieg mill-hajt bil-pala billi kien hemm brix mal-hajt u sinjali li jindikaw li kienet qed tintuza l-gaffa.

**Konkluzzjoni tal-Qorti**

Il-Qorti wara li ezaminat ir-rapport tal-perit u s-sottomossijonijiet tal-partijiet, kif ukoll wara li ezaminat mill gdid ix-xhieda moghtija, tasal ghall-konkluzzjoni li l-atturi kienu effettivament sofrew il-hsarat minnhom lamentati fil-post taghhom kif hemm indikat fir-rapport tal-perit. Dina l-hsara kienet originarjarment giet kostatata mill-perit Muscat Azzopardi u sussegwentement il-perit tal-Qorti ikkostata li l-atturi kienu garrbu hsara kif xehdu (ara ritratti a fol. 64 *et seq*). Il-perit ikkonferma li l-atturi kienu ghamlu t-tiswijiet necessarji. Il-hsara tidher (ara ritratti) li kienet saret tul il-hajt kollhu. Dwar il-kalkolu li ghamel il-perit, il-Qorti hi tal-fehma li dan hu wiehed ragjonevoli u ghandha toqghod fuqu u dana anke ghar-rigward tat-tnaqqis li sar mill-perit mid-danni akkordati lill-atturi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tieni u tielet talbiet stante li l-mertu gie ezawrit;

tilqa' t-talbiet l-ohra ta' l-atturi;

tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli tal-hsara fil-fond ta' l-atturi;

tillikwida l-hsara li saret mill-konvenut fil-proprjeta' ta' l-atturi fl-ammont ta' Lm250;

tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi id-danni hekk likwidati;

bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, stante li l-atturi kellhom jipprocedu kontra l-konvenut tort tal-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur**